# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar l-10 ta' Jannar 2023

**Rikors Numru : 553/2022 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**JHS**

**U**

**JNS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' JHSu JNS datat 19 ta' Ottubru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi huma zzewgu fis-Santwarju tal-Madonna l-Mellieha nhar id-disgha ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (09/03/1991), liema zwieg jinsab debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv mija u tlieta u tmenin (183) tas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom zewg ulied bl-isem ta' JAS li twieled f'X u ghalhekk huwa maggorenni, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok B, u DS li twieled f'Y u ghalhekk huwa maggorenni, certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok C;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat wiehed u tletin (31) t'Ottubru, tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996),*

*liema kopja qed jigi hawn anness u mmarkat Dok D;*

4. ***Illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet;***

5. *Illi skond l-emendi l-godda fil-Kodici Civili maghmula mill-Att XXV tal-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), senjatament fl-artikolu 66B, il-partijiet huma separati bil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi, ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom, u ghaldaqstant* ***jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet JHS u JNS skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;***

6. *Illi JNS tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubita' F bis-sahha ta' dan id-divorzju u mhux tibqa' bil-kunjom ta' mizzewga S;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

I. ***TIDDIKJARA*** *z-zwieg tar-rikorrenti JHS u JNS mahlul, u li konsegwentement il-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi,*

II. ***TIDDIKJARA*** *li kunjom ir-rikorrenti JNS ma jibqax S izda jigi mill-lum il'quddiem dak ta' xebba, u cioe' F.*

III. ***TORDNA*** *lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez karigu tal-esponenti f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JHS xehed** (vide affidavit Dok E, fol 14) illi l-kontendenti zzewgu nhar id-9 ta' Marzu 1991 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Ottubru 1996, fl-atti tan-Nutar Dr Marco Burlo. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**JNS xehdet** (vide affidavit Dok F, a fol 15) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-***

***sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Marzu 1991, liema zwieg jgib certifikat numru 183/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-

Nutar Dr Marco Burlo' nhar il-31 ta' Ottubru 1996 (vide fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 183/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu' tawtorizza lil JNS sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'F' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**